**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 381 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Reuben Zammit**

Illum 22 ta' Dicembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Reuben Zammit detentur tal-karta tal-identità numru 240988 (M), akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar 5 ta' Settembru, 2019, u fil-granet ta' qabel gewwa r-Rabat u f' dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Saq vettura bil-munar jew vettura ohra bi traskuragni bi ksur tal-artikolu 15(1) (a) (3) tal Kaps, 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b' mod perikoluz bi ksur tal- artikolu 15(1) (a) (2) tal Kap. 65 tal Ligijiet ta' Malta;
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b' nuqqas ta kont bi ksur tal-artikolu 15(1) (a) (2) tal Kap. 65 tal Ligijiet ta' Malta;

4. Waqt li kien qieghed isuq il-vettura naqas li joqghod bilqieghda b' mod li kellu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u l-vetturi bi ksur tar-regolament 68 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta:
5. Waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura ecceda l-limitu tal-velocita' bi ksur tar-regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Ipparkja jew halla wahedha xi vettura bil-mutur jew trailer fit-triq matul hames metri minn kannuniera, liwja jew splay bi ksur tar-regolament 79(g) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta:
7. Waqt li kien qieghed isuq vettura bil-mutur naqas li jara li t-tfal kienu marbutin permezz ta' sistema ta' rbit tat-tfal u/jew cintorin tas-sigurta' , hekk kif mitlub bil-ligi bi ksur tar-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12 tal-Ligijiet ta' Malta:
8. Qal kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti oxxeni jew gesti indicenti jew b' manjieri ohra fil-pubbliku bi ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 t' Ottubru, 2021, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mill-akkuzi numru wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa u tmienja fuq nuqqas ta' provi, sabithu hati tas-6 u s-seba' akkuzi. Immultatu s-somma kumplessiva ta' mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Reuben Zammit, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 t'Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Stante n-nullita' tas-sentenza appellata, *ossia* fid-dawl tal-aggravju 'A' , thassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-*doppio esame;*

jew

2. Fl-eventwalita` li l-ewwel aggravju u kwindi l-ewwel talba tigi michuda, li tirriforma s-sentenza appellata fid-dawl tal-aggravji ' B' u/jew ' C' u dana billi:

   1. Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel (1) , it-tieni (2) , it-tielet (3) , ir-raba' (4) , il-hames (5) u t-tmien (8) imputazzjoni,

   **u**;

   2. Thassarha in kwantu sabet lill-appellant hati tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni u kwindi tilliberah minnhom.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **Nullita' tas-Sentenza Appellata a tenur tal-Art. 382 tal-Kodici Kriminali**

L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> "*Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat****.*" [sottolinejar tal-appellant].

Jigi rilevat li fil-parti decizorja tas-sentenza appellata, in kwantu s-seba' (7) imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti ccitat, skorretement, ir-regolament 7 **tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11**, artikolu tal-ligi li ilu revokat mis-sena 2002 tant li illum tali regolament jiddisponi hekk:

"7. Revokat bl-A.L. 191 tal-2002."

Ma hemmx dubbju li fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ticcita r-regolament 7 **tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12** u mhux ir-regolament 7 **tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11** u kwindi l-Ewwel Qorti ccitat hazin l-artikolu tal-ligi li dwaru nstabet htija.

Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna dan huwa nuqqas ta' formalita' essenzjali li jgib bhala konsegwenza in-nullita u kwindi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett;

B. **In-nuqqas ta' tharis tal-procedura mfassla fil-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 tal-Ligijiet ta' Malta u l-konsegwenti estinzjoni tal-procediment penali**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghal dak ta' qablu.

A folio 1 tal-atti tal-kawza odjerna hemm inserita c-citazzjoni mahruga fil-konfront tal-appellant li biha kellu jigi notifikat sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-17 ta' Marzu 2020 u dana sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet supra-elenkati.

In kwantu dak li jirrigwarda notifiki ta' atti gudizzjarji, fil-kaz odjern kienet applikabbli il-procedura ta' notifika mfassla fil-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

Fl-ewwel lok ghandu jigi nnotat li mill-atti imkien ma jemergi li saru xi tentattivi sabiex in osservanza tar-regolament 4(1) (b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22, ic-

[1] Migjuba fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 335 tal-2014.

citazzjoni su riferita titqassam fl-indirizz li fih huwa registrat l-appellant fir-Registru Elettorali, *ossia*; ' 17, Marisa, Flat 1, Triq San Luqa tal-Pieta' u kwindi in linea mal-principju *quod non est in actis non est in mundo* certament ma jistax jigi assunt li ll-appellant gie fizikament notifikat bic-citazzjoni *de quo.*

Lanqas ma jirrizulta' in atti li ntuzat jew giet osservata l-procedura tal-affissjoni kontemplata fir-regolament 8 tal-Legislazzjoni 9.22 *ossia* imkien fl-atti ma jirrizulta li l-ufficjali inkarigati mit-tqassim tan-notifika effettivament hallew **jew** wahlu mal-bieb it-tahrika fl-ahhar indirizz registrat tal-appellant.

Jidher pero'[2] li giet applikata il-procedura tal-pubblikazzjoni mahsuba fir-regolament 8(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 u effettivament a tenur tal-paragrafu (b) tal-imsemmi regolament 8(1) giet ippubblikata notifika ta' tahrikiet fil-gazzetta lokali ' The Malta Independent' , **<u>datata 19 ta' Frar 2020</u>**[3].

F' dan l-isfond, l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v. John Dyer</u>**' , deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Novembru, 2019[4], fejn intqal hekk fuq il-procedura mahsuba fir-regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22:

> "Il-problema tan-notifika valida f' dan il-kaz ghalhekk hija aktar komplessa, ghaliex minbarra dak imsemmi aktar il-fuq, kien mehtieg li jitwettaq pass iehor li huwa previst bir-regolament 8(1) (b) tal-Avviz Legali. Minbarra li l-att gudizzjarju jrid jithalla fl-ahhar indirizz registrat jew jitwahhal mal-bieb tal-ahhar indirizz registrat, l-istess att imbaghad irid ukoll jigi ppubblikat skont ir-regolament 8(1) (b) tal-Avviz Legali. Dawn ir-rekwiziti **<u>huma kumulattivi</u>** in kwantu dan is-subregolament 8(1) (b) jghid li **<u>barra minn</u>**

---

[2] Folio 8.
[3] Ibid.
[4] per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja.

> **hekk** estratti tal-att gudizzjarju ghandhom jigu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f' wiehed mill-gurnali ta' kuljum. Din l-espressjoni **ma tipprovdix alternattiva**; izda ghall-kuntrarju turi li l-pubblikazzjoni trid issir **flimkien** mal-affissjoni jew thollija tal-att gudizzjarju fir-residenza tal-imputat." [sottolinejar tal-appellant]

L-import ta' din is-silta gurisprudenzjali hija cara fis-sens li l-pubblikazzjoni tal-estratti tac-citazzjoni f' gurnal lokali u l-affissjoni jew thollija tac-citazzjoni nnifisha gewwa r-residenza tal-imputat imorru id f' id tant li huma rekwiziti **kumulattivi u mhux alternattivi**.

Per konsegwenza, in forza tal-principju *quod non est in actis non est in mundo*, ossia stante li fil-kaz odjern ma temergi minn imkien il-prova li effettivament ic-citazzjoni giet imhollija jew imwahhla mal-bieb tal-ahhar indirizz registrat tal-appellant, ma jirrizultax li gew osservati r-rekwiziti kollha li setghu iwasslu ghall-applikazzjoni ta' din il-forma ta' notifika, u cioe l-procedura tan-notifika stabbilita fir-regolament 8(1) (b) .

Kwindi "in-notifika" li sehhet f' dan il-kaz hija wahda monka, nulla u bla effett.

In sostenn tas-suespost, l-appellant jiehu l-opportunita' sabiex jerga jikkwota silta ohra mis-sentenza supra-citata, *ossia* dik fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v. John Dyer**' , fejn gie ritenut hekk:

> "Jekk f' dak l-istadju il-prova tan-notifika, jew ahjar il-prova li kull stadju u formalita mehtiega bil-ligi kien gie segwit hija nieqsa, **din il-Qorti ma tistax tassumi li allura kull stadju u formalita' gew imwetqa**. Biex din il-Qorti tkun f' qaghda li tiddikjara dan, hija jrid ikollha d-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet mehtiega li juru li dan kollu sehh. Altrimenti din il-Qorti ma tistax toqghod fuq assunzjoni li n-notifika saret jew tistrieh fuq email,

mhux awtentikata, li tghid li d-dokumenti tqasmu u li ghalhekk ma kienx hemm htiega ta' stampar tal-*abstracts*. Ghalkemm din il-Qorti tifhem li l-ghan tal-Avviz Legali de quo huwa wiehed intiz li jhaffef il-procedura ta' notifika tal-atti gudizzjarji, **mill-banda l-ohra din il-heffa ma ghandhiex imbaghad tissarraf f' nuqqas t' osservanza tar-regoli bazici tal-evidenza fil-qafas ta' proceduri penali. Dak li kien mehtieg f' dan il-kaz kien li l-ufficjali kollha adetti minn notifika iwetqu xogholhom skont il-Ligi u li jhallu warajhom il-prova dokumentarja jew prova ohra li ghamlu dan.**" [Sottolinejar tal-appellant].

Ghaldaqstant, l-appellant umilment jikkontendi li l-procedura ta' notifika ma gietx osservata skont il-ligi u l-prova tal-pubblikazzjoni wahedha ma hiex sufficjenti sabiex tissodisfa l-vot kumulattiv tal-Ligi li jrid jintwera' li twettaq f' kull kaz u **stante li b' hekk ir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* ma gewx osservati, tali "notifika" permezz tal-pubblikazzjoni hija nulla u bla effett.**

Kwindi l-uniku jum li fih l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tqis lill-appellant bhala notifikat kien fid-data ta' meta huwa deher l-ewwel darba ghas-smiegh tal-proceduri odjerni, senjatament fl-udjenza ta' nhar it-**13 ta' Ottubru 2020**[5] – u cioè oltre l-limitu tat-tlett (3) xhur preskrizzjoni previst mill-Ligi[6] ghaz-zewg reati kontravvenzjonali kontestati f' dan l-appell.

Kwindi, l-appellant umilment jikkontendi li in vista' tal-preskrizzjoni tal-azzjoni huwa ma seta' qatt jinstab hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet dedotta kontrih.

## C. Id-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika ta' tahrikiet fil-gazzetta lokali u l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali

[5] Folio 16.
[6] A tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-dawk ta' qablu.

Kif gia indikat, fil-kaz odjern imkien mill-atti ma jirrizulta li ntuzat jew giet osservata l-procedura tal-affissjoni kontemplata fir-regolament 8 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 *ossia* imkien fl-atti ma jirrizulta li xi ufficjali inkarigati mit-tqassim tan-notifika effettivament hallew **jew** wahhlu mal-bieb it-tahrika fl-ahhar indirizz registrat tal-appellant.

Jidher pero' li giet ippublikata notifika ta' tahrikiet fil-gazzetta lokali ' The Malta Independent' **nhar id-19 ta' Frar 2020**[7] fejn gew riprodotti estratti mic-citazzjoni inserita a folio 1 tal-atti.

Ma hemmx dubbju li z-zewg imputazzjonijiet li l-appellant gie misjub hati taghhom *ossia* r-reati rispettivament kontemplati fir-regolament 79(g) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u r-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta huma ta' natura kontravvenzjonali.

Ic-citazzjoni *de quo* tindika li l-kontravvenzjonijiet allegatament kommessi mill-appellant jirrisalu lura ghal **5 ta' Novembru 2019 u l-granet ta' qabel**;

Dan ifisser, minghajr pregudizzju ghall-aggravju ' B' , li l-uniku jum li fih l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tqis li l-appellant gie legalment notifikat bl-imputazzjonijiet migjuba kontrih kien fid-data tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali li saret a tenur tar-regolament 8(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 *ossia* nhar id-**19 ta' Frar 2020** – u cioè oltre l-limitu tat-tlett (3) xhur preskrizzjoni previst mill-Ligi[8] ghaz-zewg reati kontravvenzjonali kontestati f' dan l-appell.

---

[7] Folio 8.
[8] A tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kwindi, ghal din ir-raguni wkoll, l-appellant umilment jikkontendi li in vista' tal-preskrizzjoni tal-azzjoni huwa ma seta' qatt jinstab hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet dedotta kontrih.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2021 l-partijiet trattaw l-ewwel aggravju u cioe dak tan-nullita u l-partijiet talbu lil din il-Qorti taghti is-sentenza preliminari taghha fuq dan l-ewwel aggravju.

Ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi fl-ewwel lok li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija nulla peress li fl-istess sentenza dik il-qorti kkwotat fil-konfront tas-sebgha imputazzzjoni bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, liema legislazzjoni sussidjarja giet revokata permezz ta' Avviz Legali 191 tas-sena 2002. L-appellant ghandu ragun fuq dan il-punt. Is-seba' imputazzjoni kjarament tipotizza ir-reat kontemplat fir-regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.12. L-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (ara **Il-Pulizija v. Mary Grech**[9], **Il-Pulizija v.Donald Cilia**[10], **Il-Pulizija Vs Mario Said**[11]**).** Tali nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali, bil-konsegwenza li din il-Qorti thassar is-sentenza ta' l-ewwel qorti u tista jew tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu skond l-imsemmi sub artikolu. Meta jigri hekk, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 428 (ara **Il-Pulizija v. Frank Zarb**, **Joseph Grech u Mario Bugeja**[12] App. Krim. 28/7/1995). Altrimenti tista tibghat l-atti quddiem il-

[9] Deciza fis-7 ta' Lulju, 1995 mill-Qorti tal-Appellli Kriminali
[10] Deciza fl-24 ta' April, 2002 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[11] Deciza fl-11 ta' Ottubru, 2010 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[12] Deciza fl-28 ta' Lulju, 1995 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

Qorti tal-Magistrati ( Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex ma tipprivax lill-parti mid-dritt taad-doppju ezami.

F'dan ir-rigward din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza ukoll ghall-kawza **<u>l-Pulizija vs George Camilleri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju, 1995 fejn inter alia jinghad li *"l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-Ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja, gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita' tas-sentenza appellata w is-smiegh mill-gdid fil-meritu tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-imsemmi kodici*".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-imputat, mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.

(ft)Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur